MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Numru. 1093/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**

**KONTRA**

**SANDRO LO PRESTI**
**GIUZEPPE PUGLISI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Sandro Lo Presti ta’ 34 sena, bin Giuzeppe u Lina nee’ Campo, mwieled Ragusa gewwa Sqallija nhar l- 20 ta’ Gunju 1974, residenti f’kamra f’ Villa Charlot, no: 10, Triq

Villa Rosa, Swieqi, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 20453(A), u dik Taljana bin- numru AJ 3882409;

U

Giuzeppe Puglisi ta' 45 sena, bin Rosario u Sebastiana nee' Chaloggero, imwieled Catania gewwa Sqallija nhar is- 27 ta'Lulju 1963,residenti f'kamra f' Villa Charlot no: 10, Triq Villa Rosa, Swieqi u detentur tal- karta tal- identita' bin- numru 16895A;

Li gew imressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Matul dawn l- ahhar xhur gewwa l- Gzejjer Maltin u gewwa l- fond li qieghed taht Villa Charlot numru 10, Triq Villa Rosa, Swieqi, kellhom fil- pussess taghhom id-droga herojina, specifikata fl- ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il- medicini perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal- Ligjiet ta' Malta meta ma kienux fl- pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal- Gvern skond id- dispozizzjonijiet tar- 4 u s-6 Taqsima tal- Ordinanza u meta ma kienux bil- licenzja jew xort' ohra awtorizzati li jimmanifattura, jew li jfornu d-droga imsemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill- President ta' Malta li jkollhom id- droga imsemmija fil- pussess taghhom u naqsu li jippruvaw li d-droga imsemmija giet fornuta lilhom ghall- uzu taghhom skond ir- ricetta kif provdut fir- regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar- regolament 8 tar- regoli ta' l- 1939 dwar il-kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet/ intuzat f'tali cirkostanzi li juru li kienet ghall uzu eskluv taghhom

2) U aktar talli nhar l- 4 ta' Novembru 2008 u fil-granet ta' qabel, f' Malta assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il- piena ta' prigunerija , u li ma kienx delitt taht Att dwar l- Istampa

Lil Sandro Lo Presti wahdu:

Talli nhar l- 4 ta’ Novembru 2008, ghall habta ta’ 21.40hrs, gewwa Triq ix- Xatt, Gzira, dolozament flimkien ma’ Giuzeppe Puglisi kien komplici meta bil- hsieb li jaghmel delitt, wera dan il- hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad- delitt u ttanta jisraq ghad- dannu ta’ Margaret Mavis Dickinson u Anthony Brunt mill- Ingilterra, liema tentattiv serq , li kieku sar kien ikun aggravate bil-hin u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu

Lil Giuzeppe Puglisi wahdu:

Talli nhar l- 4 ta’ Novembru 2008, ghall- habta ta’ 21.40hrs, gewwa Triq ix- Xatt, Gzira, bil- hsieb li jaghmel delitt, wera dan il- hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad- delitt u ttanta jisraq ghad- dannu ta’ Margaret Mavis Dickinson u Anthony Brunt mill- Ingilterra, liema tentattiv ta’ serq, li kieku sar kien ikun aggravate bil-hin u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex l-imputati jitressqu quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tathom zmien xieraq sabiex jikkonsidraw l-ammissjoni taghhom;

Rat illi bil-kunsens tal-Avukat Generali u bl-ammissjoni tal-imputati, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza

kontra l-istess imputati ai termini tad-disposizzjonijiet tal-ligi;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat ir-Regolament 8 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikoli 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101, u 41, 261, 270, u 48A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmijin imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannhom ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba'(4) snin taht supervizjoni ai terminu tal- Artikolu 28 G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------